MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Numru. 32/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**George Frendo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra George Frendo ta’ 40 sena iben il-mejjet Alfred u Carmela nee’ Camilleri mwieled il-Marsa fid-29 ta’ Gunju 1965 u residenti 6, Rose Street, Zurrieq, ID 361665 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fid-19 ta’ Marzu 2005 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat General ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Mill-provi jirrizulta illi membri tad-Drug Squad kienu qed jaghmlu spezzjonijiet hdejn il-White Stars Club fil-Marsa u waqqfu l-vettura EBG 649 li kien qed isuqha l-imputat odjern. Malli nnota lill-pulizija, l-imptuat rema forma ta’ sigarett allegatament joint mit-tieqa ta’ l-istess vettura li giet migbura mill-pulizija.

Fix-xhieda tieghu l-espert Spizjar Mario Mifsud mahtur minn din il-Qorti qal li mill-analizi li ghamel, ma rrizultalux li kien hemm sustanzi llegali minn dan l-ispeci ta’ joint.

Ghaldaqstant l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat ma tirrizultax.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat mhux hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------